**A.L. 89 ta' l-1991**

## ATT LI JIRREGOLA L-ĠARR TA' MERKANZIJA BIL-BAĦAR (KAP. 283)

### Ordni ta' l-1991 li jemenda l-Ordni li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel l-ordni li ġej:

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 li jemenda l-Ordni li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1980 li Jirregola l-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". A.L. 79 ta' l-1980.

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

**2.** Fl-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali taħt l-intestatura **"Italja"** —

(a) minflok il-kelma "GILNAVI" għandhom jidħlu l-kliem "GILNAVI SOCIETÀ DI NAVIGAZIONE s.r.l."; u

(b) minflok il-kliem "TARROS S.p.A" għandhom jidħlu l-kliem "TARROS INTERNATIONAL S.p.A".